# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 80/2015

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Stephen Gatt)**

**vs**

**Louis Mallia**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Louis Mallia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 319068M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Dicembru 2000 u l-jiem ta' qabel, go l-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti;

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'

Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regola tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u is-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Frar, 2015 li biha sabet htija fl-appellant u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' tlitt (3) snin u ghall-multa ta' hamest'elef Ewro (€5,000), konvertita fi prigunerija skont il-ligi fin-nuqqas ta' hlas. Ikkundannat ukoll ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal tliet mija u ghaxar Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€310.22) skond l-artikolu 533 tal- Kap 9 konvertiti fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Louis Mallia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi. **Alternattivament** u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'argumenti li jistghu jitqiesu bhala aggravju wiehed mirat lejn l-kwalita' tal-provi u n-

nuqqas taghhom fis-sejbien ta' htija tieghu. Tajjeb ghalhekk illi jkunu rikapitolati l-fatti kif ukoll il-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti;

2. Fit-22 ta' Dicembru tas-sena 2000, AC, guvnott ta' sittax-il sena sab ruhu l-isptar kawza ta' *overdose* ta' sustanza li aktar tard irrizultat li kienet eroina. Ftit qabel, AC kien fil-presenza tal-appellant kif ukoll ta' certu Grezzju Camilleri u wara li l-Pulizija kellmet lill-AC ghaddiet sabiex tressaq lill-appellant biex iwegeb ghall-imputazzjonijiet odjerni;

3. AC xehed quddiem l-ewwel Qorti illi dakinhar kien qieghed quddiem gabbana gewwa l-Belt Valletta u ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu gie fuqu l-appellant u beda jkellmu fejn dan tal-ahhar qallu li kien sejjer jigbor ic-cheque tal-beneficci socjali u li wara kien sejjer jiehu l-ismack u ghalhekk stiednu jmur mieghu izda AC avzah li ma kienx jiehu droga. Huwa xorta wahda stiednu jippruvaha u jekk ma tghogbux jista' jieqaf jehodha. F'dak il-waqt tfaccat persuna ohra li ma kienx jaf izda li hi mgharufa bhala iz-Zizz u l-appellant stiednu jmur maghhom. L-appellant staqsa lill-AC jekk kellux flus fuqu u dan wiegebu li kellu hames liri Maltin minkejja li kellu tmienja u wara li tah il-hames liri talbu jistennieh hdejn il-gabbana sabiex imur ghac-cheque u telaq flimkien maz-Zizz. Mar-ritorn taghhom, l-appellant talab liz-Zizz jmur jixtri l-labar u lkoll nizlu fi speci ta' kerrejja gewwa l-Belt fejn l-appellant beda jsajjar l-ismack, ta labra minnhom lill-AC u izda peress li ma kienx jaf jinjettaha, amministralu d-droga l-appellant, nizel bilqieghda jaqfel il-lazz li kien nehha biex isib vina u minn hemm 'l quddiem ma jafx x'gara aktar;

4. Hu AC xehed illi dakinhar kien xoghol f' Bieb il-Belt Valletta meta gie fuqu l-appellant u infurmah li aktar kmieni, huh kien fil-kumpanija tieghu u taz-Zizz u wara li injettah bi droga spicca b'*overdose*. Dak il-hin tfixkel ghaliex ma kienx jaf li huh jiehu d-droga u qabad jaghti lill-appellant. Grezzju Camilleri, mgharuf bhala iz-Zizz, ikkonferma li kien fil-kumpanija tal-appellant u ta' AC u li f'hin minnhom l-appellant mar ma' AC biex jixtru xi droga. Minn hemm accedew gewwa kerreja u l-appellant sajjar l-ismack u sia l-appellant kif ukoll AC injettaw

lilhom infushom. Huwa ma jafx min xtara d-droga izda kienu huma t-tnejn li cemplu l-ambulanza biex taghti assistenza lill-AC;

5. L-espert forensiku, Dr. Mario Scerri, nominat fl-inkjesta li segwiet dan l-incident, kkonferma illi AC iddahhal l-Isptar mitluf minn sensieh fi stat ta' *hypothermia u hypoglycaemia* b'rizultat ta' abbuz ta' droga b'puntura friska fuq l-aspett medjali tal-id ix-xellugija;

6. Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli avukat tal-appellant, jghid illi l-istess appellant kien estraneu ghal dan kollu ghaliex huwa kien jghix fis-sular ta' taht dak fejn instab AC u malli rah f'dik is-sitwazzjoni ghamel minn kollox biex isalvalu hajtu billi harrgu minn hemm sabiex meta tasal l-ambulanza ma jintilifx zmien. Jghid ukoll illi AC kien midhla sew tad-droga tant li ohtu u ommu kienu misjuba hatja ta' traffikar u ghalkemm missieru qatt ma nstab hekk hati, xorta wahda kien mgharuf ghalhekk. Bid-dovut rigward, xejn minn dan ma jirrizulta mill-atti. Naturalment l-abbli difensur qieghed jipprova jiskredita lill-AC izda f'dan l-istadju ma jistax jaghmel referenza ghal xi fatti li hu jghid li jafhom meta dawn mhumiex in att. Tosserva din il-Qorti illi kien l-appellant diversament assistit quddiem l-ewwel Qorti li ghazel illi ma jaghmel ebda kontro-ezami lill-AC u wisq anqas lill-Grezzju Calleja;

7. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti processwali u qrat diversi drabi id-deposizzjoni ta' AC moghtija sia waqt l-inkjesta fl-*in genere* kif ukoll quddiem l-ewwel Qorti u dik ta' Grezzju Calleja. AC xehed l-ewwel darba quddiem l-espert tekniku tal-Qorti illi kien ghadu kemm jispicca l-iskola tlett xhur qabel u ma kienx jahdem. Meta ltaqa' mal-appellant u ma' Calleja, l-appellant hajjru biex jiehu d-droga bil-kliem "aqta kemm tiehu pjacir, dik tirrileksjak u ma jkollokx dwejjaq", izda huwa qatt qabel ma kien ha droga. Talbu tmien liri Maltin izda AC offrielu erbgha u spicca xorta wahda hadlu tmien liri, qallu li kien ser imur igib xi *cheque* u jixtri l-ismack. Meta gie lura hadu d-dar tieghu fil-Fossa tal-Belt u l-appellant kellu tlett iqratas bi trab kannella f'idejh u rah isajjar l-istess u jigbed id-droga bis-siringa fejn imbaghad staqsieh

jekk 50 kienx tajjeb ghalih. Wara li l-appellant injettah bid-droga ma jiftakar xejn aktar  minn hemm 'l quddiem. Dik id-deposizzjoni ttiehdet fit-23 ta' Dicembru, 2000, 'l ghada tal-incident gewwa sala tal-isptar appena AC gie f'sensieh. Meta rega xehed quddiem l-ewwel Qorti fil-11 ta' Jannar  2001, AC zied jghid illi fi triqthom lejn id-dar tal-appellant, dan tal-ahhar kien talab lil Calleja jmur jixtri l-labar u meta gew biex jiehdu d-droga kien l-appellant li injettah ghaliex hu ma kienx jaf kif;

8. Kif gia osservat qabel, Grezzju Camilleri ikkonferma li kienu t-tlieta flimkien meta hadu d-droga.  Camilleri jghid illi dak inhar kien "sick", u b'dan huwa mifhum li kien qed ibghati minn ugiegh ta' nuqqas ta' droga u ma kellux flus, meta allura l-appellant u AC marru jixtru d-droga t-tlieta li huma marru gewwa kerrejja fil-Belt fejn l-appellant sajjar id-droga u kull wiehed minnhom injetta lilu nniffsu. Aktar tard jghid li ma jafx min xtara d-droga izda meta AC hassu hazin kienu hu u l-appellant li ghenuh;

9. Fir-relazzjoni tieghu, Dr. Mario Scerri rrelata li fuq id ix-xellugija ta' AC ikkonstatata puntura friska li ma kienitx saret mit-tobba tal-isptar.  L-fatt illi huwa ma rriskontra ebda puntur ohra, friska jew qadima fuq il-pesuna ta' AC huwa rilevanti hafna meta jghid li kien l-appellant li injettah ghaliex qatt ma kien ha droga qabel.  Ezami tal-atti processwali juri li AC kien dejjem konsistenti fid-dikjarazzjoni tieghu u dan jirradika f'din il-Qorti il-konvinciment illi kien l-appellant li xtara d-droga u li qassamha bejniethom it-tlieta u li kien hu li njetta lill-AC. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, AC tant kien estraneu ghall-din it-tip ta' droga li l-effett immedjat taghha fuqu kien kwazi fatali. Kif gia osservat ukoll *supra*, l-appellant, ossia l-avukati tieghu qatt ma ghamlu kontra ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni sabiex jittentaw jiskreditaw il-verzjoni ta' AC kif korroborata mill-fatti u mid-deposizzjoni ta' Calleja hlief ghal xi fatturi zghar;

10. Kwantu ghal-piena, l-appellant jitlob li jinghata sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi minghajr, izda, ma jindika jew jissuggerixxi x'ghandha tkun din il-piena.  Fis-sottomissjonijiet orali tieghu l-abbli

difensur tal-appellant imbaghad talab li din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni illi bl-intervent tieghu, l-appellant salva l-hajja ta' AC. Din il-Qorti izda ma taqbel xejn ma' dan la darba jirrizulta illi kien l-appellant li induca lill-AC biex jiehu din id-droga. Il-piena erogata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas minn dik kominata. Konsegwenza ta' dan, il-Qorti m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti in rigward;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.